MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 575/2002/1

**Dennis Stivala**

**v.**

**Dragonara Resort Ltd**

## Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li in forza taghha wara li ppremetta illi:
"Peress illi nhar is-17 ta' Gunju, 2001 l-attur wegga' waqt li kien qieghed juza l-facilitajiet imsemmija "Westin Dragonara (Reef Club)" proprjeta' tas-socjeta' konvenuta.

“U peress illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tattrezza z-zona li taghti ghall-parkegg tal-imsemmi kumpless b’attrezzatura illi taghmel l-imsemmija zona bhala wahda sikura ossia safe halli juzawha n-nies u dana hekk kif se jkollu l-opportunita’ illi jipprova l-attur fil-mori tal-kawza odjerna.

“U peress illi per konsegwenza l-attur waqa’ sular tarag u sofra danni personali u ta’ natura permanenti.

“U peress illi, hekk kif se jipprova l-attur fil-mori ta’ din il-kawza, l-imsemmi incident sehh unikament negligenza, imperizija u non-osservanza tar-regolamenti da parti tas-socjeta` konvenuta.

“U peress illi ghalkemm l-attur debitament interpella lis-socjeta’ konvenuta sabiex din tersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni, l-istess socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

“Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara illi l-incident li sehh nhar is-17 ta’ Gunju, 2001 fejn l-attur wegga’ sehh unikament minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tas-socjeta’ konvenuta.

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u dan okkorendo b’opera ta’ Periti nominandi.

“3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma hekk likwidita lill-attur.

“Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa rappresentanti u diretturi taghha qeghdin ingunti in subizzjoni.”

Rat li s-socjeta` konvenuta naqset li tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet ghat-talba attrici u hekk baqghet kontumacja;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2004, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

"1. Tiddikjara li l-incident in kwistjoni li sehh fis-17 ta' Gunju 2001 meta wegga' l-attur gara b'tort tas-socjeta' konvenuta;

"2. Tillikwida d-danni subiti mill-attur ghas-somma ta' ghaxart elef u mitejn lira maltin; u

"3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm10,200.

"Bl-ispejjes jigu sapporati mis-socjeta' konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzonijiet:
"Illi l-attur qed jitlob id-danni wara li kellhu incident meta waqa' waqt li kien qed juza l-facilitajiet tas-socjeta' konvenuta. Xehdet ukoll martu illi ikkonfermat parti mid-deposizzjoni tieghu billi ma kienitx mieghu meta gara l-incident izda immedjatament wara. Jidher li l-incident gara ghaliex is-socjeta' konvenuta ma haditx prekawzjonijiet necessarji waqt li kienu qed isiru xi xoghlijiet fil-kumpless.

"Ghalhekk it-talba tal-attur ghandha tigi akkolta. Kwantu ghad-danni l-espert mediku ikkonkluda li l-attur ghandhu disabilita' ta' ghaxra fil-mija b'rizultat tal-incident. Hu ghandhu 49 sena u ghandu paga ta' ftit iktar minn Lm12,000. Ghalhekk bis-solitu metodu adottat ghall-kwantifikazzjoni tad-danni ghandhu jigi kalkolat 10% ta' Lm12,000 ghal ghaxar snin billi l-attur ghandhu cirka ghaxar snin ohra ta' hajja ta' xoghol; ghalhekk Lm12,000. L-incident gara fl-2001 u ghalhekk il-Qorti se tnaqqas ghall-pagament f'daqqa hmistax fil-mija u kwindi waslet ghall-ammont pagabbli ta' Lm10,200 (ghaxart elef u mitejn lira)."

Rat l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta;

Rat ir-risposta ta' l-attur;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Is-socjeta` konvenuta ressqet l-appell taghha biex primarjament tipprova tiggustifika l-kontumaci taghha, u biex, minghajr pregudizzju, tappella mis-sentenza fil-meritu peress li, skond hi, ma gewx prodotti provi sufficjenti li jindikaw li hi tahti ghall-incident *de quo*.

Fl-ewwel lok, kif inghad, is-socjeta` konvenuta hi kontumaci, u skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati ghalkemm konvenut li jibqa' kontumaci quddiem l-ewwel Qorti mhux prekluz milli jappella minn sentenza ta' dik il-Qorti u sahansitra jittratta l-kawza, huwa ma jistax jissottometti aggravju fil-meritu qabel ma jiggustifika l-kontumacja tieghu ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti (ara **Vella v. Vella** deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Mejju 1993, **Zammit noe v. Agius** deciza wkoll minn din il-Qorti fis-6 ta' Gunju 1994, u **Fenici Insurance Agency Ltd. v. Stones et**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2002).

Ghalhekk, jekk is-socjeta` konvenuta ma tirnexxielix tiggustifika l-kontumaci taghha, l-aggravji taghha fuq il-meritu ma jistghux jigu kkunsidrati.

Is-socjeta` konvenuta tissottometti li hi saret taf bil-kawza, wara li qrat f'xi gazzetta lokali sunt tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. Hi ghamlet tfittxija fl-ufficju taghha biex tara ssibx l-att tac-citazzjoni, izda dan id-dokument ma nstabx. Jirrizulta li l-att tac-citazzjoni kien gie moghti mill-Marixxall tal-Qorti lil certu Joseph Sammut, li kien impjegat fil-*front desk* tar-*resort* operata mis-socjeta konvenuta. Dan illum huwa rtirat u m'ghadux jahdem mal-kumpanija konvenuta.

F'sentenza ricenti ta' din il-Qorti, dik fl-ismijiet **Calleja v. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** deciza fit-28 ta' Jannar 2005, din il-Qorti dehrilha li l-principji li jirregolaw il-materja ghandhom jergghu jigu kemm jista' jkun arginati b'mod li jkunu aktar konsistenti u uniformi ma' xulxin. Din il-Qorti elenkat il-principji li gejjin:
"(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;

"(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

"(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

"(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

"(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

"(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

"(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";

"(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."

Issa, f'dan il-kaz, jirrizulta li l-att tac-citazzjoni wasal fl-ufficju registrat tal-kumpanija konvenuta, u thalla f'idejn impjegat tas-socjeta`, persuna li hi idonea biex tircievi l-atti. X'gara mill-att ma jirrizultax, peress li la gie prodott biex jixhed dak l-impjegat li rcieva l-att tac-citazzjoni, u lanqas ma tressqet persuna li, f'dak iz-zmien rilevanti, kellha xi kariga ufficjali fil-kumpanija biex tispjega x'seta gara mill-att. Is-socjeta` konvenuta ressqet bhala xhud

persuna li llum hi l-*financial controller* taghha, izda li lanqas biss kienet impjegata taghha fiz-zmien li sehhet in-notifika u, ghalhekk ma setghetx tghid x'kien jigri mill-atti ufficjali li s-socjeta` kienet tircievi dak iz-zmien. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tara jekk kienx hemm xi "impediment legittimu, indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci", ghax ma giex muri x'gara mill-att wara li dan wasal fl-ufficju tal-kumpanija.

Oltre dan, il-Qrati taghna, dan l-ahhar, segwew principju li hu dover ta' kull persuna li tirregola l-affarijiet taghha b'mod li tassigura li l-atti ufficjali jaslu ghand min hu responsabbli. Hekk, fil-kawza, **Tessons Ltd v. Kontrollur tad-Dwana**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Marzu 1999, intqal li kap ta' dipartiment ma jitqiesx li jkun iggustifika l-kontamaci tieghu billi jallega li l-att relattiv wasal f'idejn is-segretarju li naqas li jghaddiha lilu bhala l-ufficjali imharrek. Hekk ukoll, fil-kawza fuq imsemmija ta' **Calleja v. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd**, din il-Qorti rat li l-kumpanija konvenuta ma rnexxiliex tiggustifika l-kontumaci taghha a bazi tal-prova li l-impjegata li rceviet l-atti m'ghaddithomx lid-diretturi, izda baghtithom bil-posta lill-avukat tal-kumpanija, li inzerta kien imsiefer fuq xoghol. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Soap & Sponge Co. Ltd v. SMT Developers Co. Ltd**, deciza fis-6 ta' Ottubru 2005, osservat li hu dmir tas-socjetajiet li jaraw li jkun hemm *"sistema tajjeb ta' kif l-atti notifikati jitwasslu u jigu segwiti b'ghaqal minn min kellu r-rapprezentanza gudizzjarja tal-kumpanija"*.

F'dan il-kaz, ma jirrizultax la x'kienet is-sistema in operazzjoni fiz-zmien rilevanti u lanqas, jekk kien hemm sistema, ghaliex din falliet f'dan il-kaz, u fin-nuqqas ta' prova ta' "impediment legittimu", fis-sens tad-duttrina fuq esposta, din il-Qorti ma tarax li tista' tilqa' t-talba tas-socjeta` konvenuta ghal gusitifkazzjoni tal-kontumacja taghha.

Darba li s-socjeta` konvenuta ma ggustifikatx il-kontumacja taghha, ma tistax, kif intwera, tissottometti aggravji fil-meritu.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------